Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

## Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 29

**Data:** Il-Ġimgħa, 17 ta' Jannar 2020
**Ħin:** 18:30
**Post:** Sala Saverio Cassar, fl-Uffiċċju Reġjonali tal-Kunsill Reġjonali Għawdex li jinsab fi Triq l-Għaxra ta' Ġunju 1887, Victoria, Għawdex

**Preżenti:**

Is-Sur Mario Fava – President
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur. Anthony Mifsud – Membru
Is-Sur Mark Grech – Membru
Is-Sinjura Graziella Galea – Membru
Is-Sur Joseph Cordina – Membru

**Oħrajn:**
Is-Sur Daniel Galea – Accountant (preżenti għal punti 29.5 u 29.6)

**Skużati:**
Is-Sur Michael Fenech Adami – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**

Snr. Lianne Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**29.1 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tal-ittri tal-Apoloġija**

29.1.1 Is-Segretarja preżentat l-ittri ta' apoloġija tas-Sur Michael Fenech Adami.

29.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev Paul Farrugia, l-Eżekuttiv aċċetta l-apoloġiji preżentati.

**29.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 28**

29.2.1 Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.28.

29.2.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Joseph Cordina, l-Eżekuttiv approva li l-minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.28 kif preżentati.

**29.3 Punti li joħorġu mill-Minuti Laqgħa Nu. 28**

| | |
|---|---|
| **29.3.1 CEMR** | Il-President semma li l-AKL ma leħqitx preżentat il-proposta dan peress li kien hemm bżonn żgur l-intervent tal-Gvern Ċentrali sabiex jassisti fil-finanzjament ta' din l-organizzazzjoni u minħabba dak kollu li politikament kien għaddej kien impossibbli li jsiru kuntatti mal-Ministeri kkonċernati. |
| **29.3.2 Finanzjament għal taħriġ tal-Membri Eletti** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tirċievi mingħand id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali madwar €27,000 li ġejjin minn Fondi Ewropej u li dawn ser ikunu allokati għal taħriġ għall-Membri Eletti. Ser ikun qed jiġi iffinanzjat teambuilding event. |
| **29.3.3 ERASMUS+** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tissottometti applikazzjoni biex tibbenifika minn Fondi taħt Key Action 3 tal-programm Ewropew ERASMUS+. L-iskop ta' din l-applikazzjoni ser ikun id-djalogu bejn iż-żgħażagħ u policymakers. |
| **29.3.4 Memberships għas-sena 2020** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ħalset il-Memberships ta' l-ALDA u ECAD għas-sena 2020. |
| **29.3.5 The Energy and Water and Agency** | Il-President semma li wara kuntatt mal-Assoċjazzjoni, l-Aġenzija kienet bdiet titkellem mal-Kunsilli Reġjonali sabiex jibda t-tqassim ta' apparat biex jgħin titnaqqas il-konsum ta' l-ilma mir-residenzi. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**29.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 29**

29.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Anthony Mifsud u s-Sur Joseph Cordina ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn id-19 ta' Diċembru 2019 u l-17 ta' Jannar 2020 li kienet tammonta għall-€40,859.11.

**29.4 Intervisti għall-postijiet vakanti mal-AKL**

29.4.1 Il-President semma li għal skala 11 kienet daħlet applikazzjoni waħda. Semma li l-applikant waqqa' l-applikazzjoni qabel ma ġie imsejjaħ għall-intervista. Il-President semma li kienet ser terġa' toħroġ il-vakanza fuq il-ġurnali.

29.4.2 Il-President semma li għall-post Vakant fi Skala 13 kien hemm tliet applikazzjonijiet u li l-Board tal-għażla kien iddeċieda li għandha tkun magħżula s-Sa. Roberta Carabott.

29.4.3 Il-President semma li fuq deċiżjoni tiegħu talab lis-Segretarja sabiex tinforma lill-applikanta li kienet ġiet magħżula minħabba li din waqt l-intervista semmiet li kellha madwar 9 ġimgħat notice. Il-President semma li minħabba li din hija impjegata mar-Reġjun Ċentru, is-Sur Michael Fenech Adami ilmenta li dan il-proċess ma kienx skond il-liġi peress li r-rapport tal-għażla kellu jgħaddi mill-Eżekuttiv. Il-President semma li fiċ-ċirkustanzi li għaddejja minnhom l-Assoċjazzjoni fejn anki f' laqgħat preċidenti kien is-Sur Fenech Adami stess li insista li għandha tingħata kull għajnuna lis-Segretaraja sabiex ikun jista' jsir ix-xogħol kollu amministrattiv li kellu jsir. Huwa ħass li ma kelliex tinħela ġimgħa oħra meta l-impjegata kien fadlilha sa l-aħħar ta' Marzu sabiex tkun tista' tibda l-impjig tagħha mal-Assoċjazzjoni.

29.4.4 Chev. Paul Farrugia li kien ukoll parti mill-Board tal-Għażla qabel ma dak li qal il-President, li fiċ-ċirkostanza dik kienet l-aħjar deċiżjoni li wieħed kellu jipproċedi biha.

29.4.5 Is-Sur Fava semma wkoll li fl-ebda ħin u waqtiet m' hu ser jippermetti diskors mhux xieraq fil-konfront tal-ħaddiema tal-Assoċjazzjoni speċjalment kummenti mill-Membri tal-Eżekuttiv stess, fejn dawn jigu msejjħa titli li ma jaghmlux gieh lil min jgħidhom. Is-segretarja agixxiet fuq direzzjoni tieghu u jekk hemm min irid juri diżappunt jew nuqqas ta' qbil, dan għandu jsir miegħu.

**29.5 Preżentazzjoni u Approvazzjoni Rapport Finanzjarju r-raba' kwart tas-sena 2020**

29.5.1 Is-Segretarja talbet lis-Sur Daniel Galea, l-accountant tal-Assoċjazzjoni sabiex ikun jista' jagħti spjega tar-rapport.

**A:** Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

**T:** 00356 2596 8000
**E:** lca@lca.org.mt
**www.lca.org.mt**

29.5.2 Wara spjegazzjoni mis-Sur Galea, il-President talab li r-rapport jiġi preżentant. Fuq proposta tal-President issekondata minn Dr. Samuel Azzopardi, l-Eżekuttiv approva r-rapport hekk kif preżentat.

**29.6 Preżentazzjoni u Approvazzjoni Rapport Finanzjarju tas-sena 2020**

29.6.1 Is-Segretarja talbet lis-Sur Galea sabiex jispjega ir-rapport preżentat. Is-Sur Galea spjega r-rapport kif ukoll ikkonkluda li l-AKL għamlet surplus ta' €55,312 matul is-sena 2019. Semma wkoll li hemm €838,336 bħala working capital.

29.6.2 Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Joseph Cordina, l-Eżekuttiv approva r-rapport hekk kif preżentat.

29.6.3 Is-Sur Aquilina semma li anki abbażi tar-rapport finanzjarju ippreżentat wieħed għandu jibda jikkunsidra biex l-AKL tinvesti fi propjeta' biex l-uffiċini ikunu propjeta' tal-Assoċjazzjoni. Dr. Samuel Azzopardi semma li għandu jkun hemm diskussjoni mal-MIP biex jinbeda l-proċess għall-devoluzzjoni tal-Binja li bħal issa qed tagħmel użu minnha l-AKL. Il-Prersident wieġeb li din jimmeritha diskussjoni fil-profond u filwaqt li tali proposta għandha tiġi meqjusa, ma jarax li dan jista' jseħħ fil-futur immedjat.

**29.7 Komunikazzjoni mill-President**

| | |
|---|---|
| **29.7.1 Laqgħa CLGF** | Il-President semma kienet intbgħatet komunikazzjoni lil Dr. Azzopardi u lis-Sur Cordina minħabba laqgħa li kienet ser issir ġewwa Abu Dhabi. Il-President fakkar li l-laqgħa kienet set taħbet fl-istess jiem tal-Plenarja tal-Kumitat tar-Reġjuni ġewwa Brussel. |
| **29.7.2 Laqgħa tas-Sinki 22/02/2020** | Il-President semma li kienu infetħu r-reġistrazzjonijiet għal-laqgħa tas-Sindki li ser tkun qed issir nhar is-Sibt 22 ta' Frar ġewwa l-lukanda Dolmen. Il-President semma li ser ikun hemm mistiedna minn NGOs/ organizazzjonijiet differenti li ser ikunu hemm bħala osservaturi. |
| **29.7.3 Board tal-Governanza** | Il-President semma li f' isem l-Assoċjazzjoni kien kiteb lill-Board tal-Governanza dwar każ fuq Kunsillier mill-Kunsill Lokali tal-Mosta li kien qed jiġi trattat. Il-President iddikjara li l-Assoċjazzjoni ma taqbilx mad-deċiżjoni li ħa l-Board u li l-Kunsillier ma kiser l-ebda privatezza tad-data. |

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**29.7.4 Kwotazzjoni għal-Lift**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tiġbor kwotazzjonijiet sabiex jiġi installat lift fil-binja. Il-President semma li jekk wieħed imur għal lift miftuħ l-ispiża tiġi irħas u anki l-istruttira li trid issir ma tkunx tirrikjeda ħafna alternazzjonijiet.

**29.7.5 Użu tal-Karti tal-Kreditu mill-Kunsilli Lokali**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni flimkien mal-Awditur Ġenerali, id-Direttur Ġenerali u l-President ANSEK, bdew diskussjonijiet dwar l-uża tal-karti tal-Kreditu mill-Kunsilli Lokali.

**29.7.6 Laqgħa ta' Kortesija**

Il-President semma li fl-20 ta' Frar ġiet skedata laqgħa ma' Dr. Adrian Delia, Kap tal-Oppożizzjoni sabiex jiltaqa' mal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali. Dr. Samuel Azzopardi semma li għandha tiġi skedata laqgħa mal-Prim Ministru wkoll f' dan ir-rigward.

**29.9 Stqarrija maħruġa mill-AKL**

29.9.1 Il-President semma li l-istaqrrija li ħarġet mhux talli mhux qed ikun partiġjan imma fejn qed isemmi li n-nazzjon huwa maqsum u għaldaqstant għandha tissaħaħ il-fiduċja fl-istuzzjonijiet.

29.9.2 Dr. Samuel Azzopardi semma li mhux qed jallega li l-istqarrija ħarġet b' xi intenzjoni oltre minn dik li qed isemmi l-President. Saħaq li l-punt bħala Partit li huwa rappreżentat f' Assoċjazzjoni dehrlu li indaħlet f' kontestazzjoni ta' Partit ieħor. Semma li kieku il-kandidat imsemmi b' ismu kien Prim Ministru ma kien issib l-ebda diffikulta' biex japprova din.

**29.10 Aġġornament**

29.11.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sebgħa u nofs u ħamsa ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar il-Ħamis, 20 ta' Frar 2020 fis-sitt u nofs ta' filgħaxija.

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**Lianne Mifsud**
**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.30 li nżammet nhar il-Ħamis, 20 ta' Frar 2020.

**Mario Fava**
**President**